3 ta' Diċembru, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Avukat Dr. Edoardo Vassallo *versus* Maria Enrichetta Bonett

**Ċitazzjoni — Dokumenti — Eżibizzjoni Tagħhom waqt il-Kawża — Appell — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 169 u 175 tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-regola li mhix permessa l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda waqt il-kawża tirriferixxi għall-proċedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell per mezz ta' libell jew petizzjoni, u mhux għall-proċedura per mezz ta' ċitazzjoni.*

*Meta l-proċedura hija per mezz ta' ċitazzjoni, għalkemm il-liġi trid li maċ-ċitazzjoni jiġu preżentati d-dokumenti meħtieġa biex isostnu d-domanda, il-Qorti però għandha l-fakoltà li tippermetti waqt it-trattazzjoni tal-kawża fl-ewwel istanza l-produzzjoni ta' kwalunkwe dokument li jkun meħtieġ għall-istruzzjoni tal-kawża.*

*Il-produzzjoni tardiva ta' dawn id-dokumenti tista' tinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż.*

Il-Qorti — Rat id-deċiżjoni minnha mogħtija fil-5 ta' Novembru 1945, fejn jinsabu miġjubin id-domandi ta' l-attur nomine u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur nomine għall-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-konvenuta għall-liberazzjoni tagħha "ab observantia judicii", u ġie ordnat li l-ispejjeż ta' l-inċident ma jiġux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-registru relativ kontra l-attur nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 1945, minejn jidher li l-konvenuta, per mezz ta' l-avukat tagħha, għamlet oppożizzjoni għal-produzzjoni ta' dokumenti ġodda quddiem dina l-Qorti..............;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-oppożizzjoni tal-konvenuta għall-produzzjoni tad-dokumenti quddiem dina l-Qorti hija bażata fuq l-art. 169 u 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. L-art. 169 ma jagħmelx għall-każ, għaliex jirriferixxi biss għall-proċedura per mezz ta' libell jew petizzjoni, u mhux għall-proċedura per mezz ta' ċitazzjoni. Kwantu għad-dispożizzjoni ta' l-art. 175, din il-Qorti bis-sentenza tal-20 ta' April 1921 in re "Micallef vs. Zammit" (*Kollez. Vol. XXIV, Parte I, paġ. 721*) sostniet li dak l-artikolu, "pur disponendo che con la citazione devono essere esibiti i documenti necessari per sostenere la domanda, non vieta alla Corte nelle procedure per citazione di permettere all'attore, durante la trattazione della causa, in prima istanza, di produrre qualsiasi documento ritenuto necessario per la istruzione dela causa". L-istess prinċipju ġie applikat minn din l-istess Qorti fid-9 ta' Jannar 1933 in re "Paolo Spiteri vs. Suor Maria di San Francesco Saverio", fejn jinsab dikjarat

ukoll li l-Proklama nru. VIII ta' l-1831 "non prescrive che tali documenti debbano prodursi colla citazione, e la Corte di Appello prende cognizione di siffatti reclami (mid-deċiżjonijiet tad-Deputati tal-Legati taż-Żwieġ) come tribunale di prima istanza". Dina l-Qorti, b'sentenza oħra tal-1 ta' Mejju 1931, in re "Notaro Dottor Rosario Frendo Randon vs. Filippa Despott" (Kollez. Vol. XXVIII-I-66), hekk marret tgħid :— "L'attore però è sempre tenuto a produrre tali documenti, per cui, quantunque la prima corte abbia con ragione rigettato la domanda per la liberatoria, avrebbe dovuto però moderare il capo delle spese, tenuto conto della irregolarità rilevata nel foglio di citazione". Għalhekk, in bażi għall-prinċipji fuq esposti, l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tal-produzzjoni tad-dokumenti, opposta mill-konvenuta, ma tistax tiġi milqugħa, salv dak li jingħad iżjed 'il quddiem fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi, mħabba d-dokumenti li ġew preżentati quddiem din il-Qorti, il-konvenuta ma komplietx topponi d-domanda ta' l-attur nomine; anzi tirrikonoxxi li huwa għandu titolu akbar minn tagħha għal konsegwiment tal-legat imsemmi fiċ-ċitazzjoni; iżda jidhrilha li minħabba l-produzzjoni tardiva tad-dokumenti l-ispejjeż għandu jbatihom l-attur nomine;

Ikkunsidrat;

Illi d-Deputazzjoni kellha d-dritt kollu li jkollha quddiemha l-aħjar prova dwar il-konsangwineità ta' l-attur nomine mal-fundatur. Din l-aħjar prova ġiet magħmula quddiem din il-Qorti bid-dokumenti eżibiti; u l-fatt ta' l-eżibizzjoni ta' dawk id-dokumenti juri biċ-ċar li l-attur nomine, kieku ried, seta' jressaqhom quddiem id-Deputazzjoni, kif kienet talbet u għal dan l-iskop urieţ li kienet disposta tagħti lill-istess attur nomine terminu raġjonevoli għall-produzzjoni tagħhom. Dan in-nuqqas da parti ta' l-attur nomine jiġġustifika l-pretensjoni tal-konvenuta għall-moderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi;

1. Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenuta dwar l-inammissibilità tal-produzzjoni tad-dokumenti quddiem dina l-

Qorti da parti ta' l-attur nomine;

2. Billi tilqa' d-domandi migjubin bic-citazzjoni;

3. Billi tordna li l-ispejjeż kollha, barra dawk ġa deċiżi, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-kontendenti, bid-dritt tar-reġistru a kariku ta' l-attur nomine.